MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**RAYMOND C. PACE**

Seduta tas-26 ta' Gunju, 2003

Citazzjoni Numru. 820/1995/2

**Joseph Scerri**

**vs**

**Alexandra Scerri nee' Galea u b'digriet tal-Qorti moghti fl-10 ta' Jannar, 2000 il-kunjom Scerri gie sostitwit minn 'Galea'.**

**Il-Qorti,**

## I. PRELIMINARI.

Rat ic-citazzjoni attriciipprezentata fil-21 ta' Gunju, 1995 a fol. 1 fejn gie premess:-

Illi l-partijiet ghamlu c-cerimonja taz-zwieg bejniethom skond kif jirrizulta mic-certifikat taz-zwieg esebit mac-citazzjoni bhala Dok “A”;

Illi b’din cerimonja effettivament ma nholoqx kuntratt validu ta’ zwieg u dan peress li l-kunsens ghall-istess kuntratt kien vizjat ghal diversi ragunijiet previsti mill-**artiklu 19(1) tal-Kap 255**, u precipwament ghal dak li hemm previst fis-**subinciz (d) u s-subinciz (f),** u cjoe` li l-konvenuta kellha difett serju ta’ diskrezzjoni ta’ gudizzju fuq il-hajja mizzewga jew fuq id-dmirijiet essenzjali taghha, u li l-istess konvenuta posittivament eskludiet wiehed jew aktar mill-elementi essenzjali taz-zwieg, u fosthom principalment il-fedelta`;

Illi l-istess attur talab lill konvenuta tghid il-ghala din il-Qorti m'ghandhiex:

1. Tiddikjara li z-zwieg li suppost gie celebrat bejn il-kontendenti, kif indikat fl-att taz-zwieg hu null u bla effett, u dan kif previst fl-**artikolu 19 tal-Kap 255**, u precipwament minhabba dak li hemm previst fis-subincizi ta’ l-istess artiklu: **(d) u s-subinciz (f)**, u cjoe` li l-konvenuta kellha difett serju ta’ diskrezzjoni ta’ gudizzju fuq il-hajja mizzewga jew fuq id-dmirijiet essenzjali taghha, u li l-istess konvenuta posittivament eskludiet wiehed jew aktar mill-elementi essenzjali taz-zwieg, u principalment l-fedelta`.

Bl-ispejjez ghall-kontroparti konvenuta, li qed tigi ngunta ghas-subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni attrici a fol. 3 tal-process;

Rat il-lista ta’ xhieda u d-dokumenti esebiti a fol. 4 tal-process;

Rat l-atti kollha tal-process minn fejn jirrizulta illi l-konvenuta kienet giet notifikata fl-10 ta’ Lulju, 1998 *a tergo* ta’ fol. 20 tal-process.

Rat in-nota ta’ eccezzjonijiet tal-konvenutaipprezentati fil-21 ta’ Lulju, 1998 a fol. 22 tal-process li permezz taghha eccepiet:

1. Illi d-domandi attrici huma nfondati fil-fatt u fid-dritt *stante* illi hija taqbel ghar-ragunijiet ta’ l-annullament moghtija mill-attur dan iz-zwieg ghandu jigi ddikjarat null minhabba difett serju ta’ diskrezzjoni ta’ gudizzju fuq il-hajja mizzewga jew fuq id-dmirijiet essenzjali taghha u/jew minhabba l-eskluzzjoni ta’ l-elementi essenzjali taz-zwieg minhabba da parti ta’ l-attur.

2. Illi l-kontendenti kienu ilhom mizzewgin tlett snin u nofs u tul dawn it-tlett snin qatt ma ghixu ta’ mizzewgin *stante* illi l-attur ma kienx jaghti kaz tal-bzonnijiet tal-mara kemm fizici kif ukoll psikologici.

3. Salv eccezzjonijiet ohra.

Rat id-dikjarazzjoni tal-konvenuta a fol. 22 tal-process;

Rat il-lista ta’ xhieda a fol. 22 tal-process;

Rat id-digriet taghha tas-16 ta’ Settembru, 1998 li permezz tieghu giet nominata Dr. Veronica Galea Debono bhala esperta fil-materja biex tigbor il-provi u tirrelata.

Rat it-talba maghmula minn Dr. Edwina Chetcuti fl-10 ta’ Jannar, 2000 fejn hija ghan-nom ta’ l-attur talbet korrezzjoni fil-kunjom tal-konvenuta li ghandu jigi sostitwit minn ‘Scerri’ ghal ‘Galea’ fl-atti tac-citazzjoni u kull fejn jirrikorri l-istess kunjom. Rat illi Dr. Edward Debono ma jopponix ghat-talba u l-Qorti laqghet it-talba u ordnat il-korrezzjoni mitluba. Rat illi Dr. Edward Debono ta’ ruhu b’notifikat bic-citazzjoni kif korretta.

Rat id-dokumenti esebiti;

Rat l-atti kollha l-ohra tal-kawza.

Rat ir-rapport tal-Perit Legali mahluf fit-28 ta’ Novembru, 2002;

Rat il-verbal taghha tat-28 ta' Novembru, 2002 fejn il-Perit legali halfet ir-rapport taghha. Il-kawza giet differita ghas-sentenza ghal-llum;

## II. KONSIDERAZZJONIJIET.

### i) AZZJONI ATTRICI.

Illi din il-kawza saret mill-attur sabiex iz-zwieg tieghu mal-konvenuta li sar fil-15 ta' Novembru, 1996 jigi dikjarat null u bla effett *ai termini* u effetti kollha tal-ligi. L-attur qieghed jghid illi l-bazi ta' l-annullament ghandhom ikunu l-**paragrafi (d) u (f) tas-subartikolu (1) ta' l-artikolu 19 tal-Kap. 255 tal-Ligijiet ta' Malta** u cjoe` li l-konvenuta kellha difett serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju fuq il-hajja mizzewga jew fuq id-dmirijiet essenzjali taghha, u li l-istess konvenuta posittivament eskludiet wiehed jew aktar mill-elementi essenzjali taz-zwieg, u principalment l-fedelta`.

Illi minn naha taghha l-konvenuta filwaqt illi hija taqbel mar-ragunijiet ta' l-annullament moghtija mill-attur, b'dan illi dan iz-zwieg ghandu jigi ddikjarat null minhabba difett serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju fuq il-hajja mizzewga jew fuq id-dmirijiet essenzjali taghha u/jew minhabba l-eskluzzjoni ta' l-elementi essenzjali taz-zwieg minhabba da parti ta' l-attur.

In vista ta' dan suespost din il-Qorti sejra tezamina l-paragrafi indikati mill-kontendenti u f'kaz li issib illi z-zwieg huwa null taht wiehed minn dawn il-paragrafi allura hija tieqaf hemm u tiddikjara z-zwieg null. L-ewwel paragrafu li sejjer jigi ezaminat huwa proprju l-**paragrafu (d) tas-subartikolu (1) tal-artikolu 19 tal-Kap. 255 tal-Ligijiet ta' Malta**.

### ii) PRINCIPJI LEGALI.

- **<u>Ezami ta' l-Artikolu 19(1)(d) tal-Kapitolu 255</u>**

Illi din il-Qorti b'sentenza ta' l-1 t'Ottubru, 2002 fil-kawza fl-ismijiet **Joseph Mizzi vs Pauline Mizzi** (Cit. Nru. 50/2002) kienet dahlet *funditus* fl-ezami ta' dan l-artikolu tal-ligi. Hija kienet qalet illi:

"L-**artikolu 19 (1) (d) tal-Kap 255** jghid:

*"(d) jekk il-kunsens ta' xi wahda mill-partijiet ikun vizzjat b'difett serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju fuq il-hajja mizzewga, jew fuq id-drittijiet u d-dmirijiet essenzjali taghha, jew b'anomalija psikologika serja li taghmilha mpossibbli ghal dik il-parti li taqdi l-obbligazzjonijiet essenzjali taz-zwieg".*
Illi fis-sentenza **"Kevin Spiteri vs Avukat Dr. Renzo Porella Flores et noe"** (Cit. Nru. 2443/97/RCP – deciza 18 ta' Jannar 2000) il-Qorti ghamlet referenza ghall-espozizzjoni ta' ***Viladrich***:

*"Thus, there is grave lack of discretion of judgement when it is proven that a contracting party lacks intellectual and volitional maturity necessary to discern, in view of binding oneself in an irrevocable manner, the essential rights and duties of marriage, which are the object of mutual surrender and acceptance. The discretion of judgement refers to that degree of maturity of comprehension and of will of the contracting parties which enables them to give and receive each other, through a juridical bond, in a unique community of life and love. This community is indissolubly faithful, ordered to the good of the spouses as well as to the procreation and education of the offspring"* ***(Viladrich, P.J., "Matrimonial Consent in Code of Canon Law Annotated."*** *(Montreal, 1993), p. 686).*

Illi kwantu ghall-obbligazzjonijiet essenzjali taz-zwieg, din il-Qorti tifhem li, fin-nuqqas ta' definizzjoni jew indikazzjoni fil-**Kap. 255**, dawn l-obbligazzjonijiet essenzjali huma dawk li fis-socjeta` Maltija dejjem u nvarjabbilment gew ritenuti bhala l-obbligazzjonijiet essenzjali taz-zwieg. Dawn huma *"the obligation*

*concerning the conjugal act or carnal union, as bodily union and basis of procreation; the obligation of the community of life and love as an expression of the union between man and woman, mutual well-being, which is inseparable from the provision of an environment conducive to the reception and education of children; and the obligation to receive and bring up children within the context of a conjugal community. It is important to remember that these essential obligations must be mutual, permanent, continuous, exclusive and irrevocable so that there would be incapacity if one of the contracting parties should be, due to a psychological cause, incapable of assuming these obligations with these essential characteristics" (**Viladrich, P.J.,** op.cit., pg. 687).*

Illi ta' l-istess portata huma s-sentenzi **"Anthony Gaffiero vs Juanita Gaffiero nee' Sultana"** (P.A. (VDG) 17 ta' Novembru 2000 u **"Anna Galea vs John Walsh",** (P.A. (VDG) tat-30 ta' Marzu 1995). Inerenti, ghalhekk, f'dawn l-obbligazzjonijiet hemm l-obbligu tal-partijiet li jaghtu lilhom infushom lil xulxin fit-totalita` taghhom sabiex tigi stabbilita bejniethom *"the community of life and love".*

Illi wkoll fis-sentenza **"Alexandra *sive* Sandra Farrugia vs Raymond Farrugia"** (P.A. (VGD) 10 ta' Settembru 1997) inghad wkoll li:

*"Kwantu ghad-difett serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju – **Art. 19 (1) (d)** – biex ikun hemm nuqqas serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju jrid ikun hemm inkapacita' psikika (mhux necessarjament anomalija psikologika fis-sens mediku psikjatriku) jew kostituzzjonali li wiehed jaghraf u jirrifletti, jew li jiddeciedi liberalment, fuq l-oggett tal-kunsens matrimonjali **("Isabelle Zarb vs Stephen Attard"** – P.A. 21 ta' Novembru 1995). Mhix ghalhekk kwistjoni ta' nkompatibilita' ta' karattru, jew ta' decizjoni jew decizjonijiet zbaljati. Il-paragrafu **(d)** ikompli jitkellem dwar "anomalija psikologika serja li taghmilha mpossibbli ghal dik il-parti li taqdi l-obbligazzjonijiet essenzjali taz-zwieg". Il-Qorti tosserva li l-ligi taghna tirrikjedi mhux*

*biss anomalija psikologika tkun wahda serja, izda li tkun taghmilha mpossibbli mhux sempliciment difficli, li wiehed jaqdi l-obbligazzjonijiet essenzjali taz-zwieg ossia jassumihom".*

Illi ghalhekk b'difett serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju l-legislatur ma riedx ifisser semplicement kwalsiasi stat ta' immaturita` li parti jew ohra fiz-zwieg tista' tkun fiha fil-mument li jinghata l-kunsens reciproku (**"Nicholas Agius vs Rita Agius gia Caruana"** – P.A. (VDG) tal-25 ta' Mejju, 1995).

Illi li kieku l-legislatur irrikjeda maturita` shiha u perfetta, ftit jew addirittura ebda zwieg ma kien ikun validu. In-nuqqas ta' *discretio judicii* hu kuncett guridiku ntrinsikament marbut mal-kapacita` ta' parti jew ohra fiz-zwieg li taghti l-kunsens liberu u xjenti taghha ghar-rabta taz-zwieg. Kif jispjega l-gurista ***Colagiovanni*** meta sostna li:-

*"Il matrimonio, in quanto patto ossia "foedus" ……… richiede una capacita` intelletuale e volitiva al di sopra di ogni altro contratto che e` per lo meno rescindibile, in casi determinati dalla legge, richiede quindi una integrita` di mente e di liberta`, dato che ……… si tratta di assumersi una "servitus" per tutta la vita" (**Forum**, 1990, Vol. 1 part I, p. 72).*

Illi pero`, kif gia inghad, b'immaturita` jew difett serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju id-dottrina u l-gurisprudenza *"non si riferiscono ad una piena e terminale maturita`, non esigono nei nubenti una conoscienza perfetta ed esaustiva di cio` che comporta il matrimonio, non richiedono una preveggenza chiara ed assoluta di cio` che puo compartare la vita coniugale, ne` un perfetto equilibrio volitivo-affettivo, ne` infine una conoscienza perfetta delle motivazioni della scelta matrimoniale. Ecco perche` riesce piu` appropriato l' uso del termine discrezione di giudizio, che fa riferimento ad un certo discernimento ma non implica il raggiungimento di una maturita` piena"* ***(Pompedda, M.F., "Il Consenso Matrimoniale in Grocholewski" – Pompedda –***

***Zagglia, "Il Matrimonio nel Nuovo Codice di Diritto Canonico"** (Padova, 1984), p. 46).*
Illi kif gie affermat diversi drabi minn din il-Qorti, inkluz fis-sentenza **"Alessandra sive Sandra Mc Monagale qabel Mamo vs Mario Mamo"** (P.A. (VDG) 26 ta' Ottubru 2000) ikun hemm id-difett serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju fis-sens ta' l-ewwel parti tal-**paragrafu (d)** imsemmi kemm-il darba jirrizulta li, *"fil-mument ta' l-ghoti tal-kunsens matrimonjali, parti jew ohra tkun priva b'mod sostanzjali, ossia gravi, minn dik il-fakolta` kritiko-estimativa jew kritiko-valutativa dwar l-oggett tal-kunsens taz-zwieg, jew minn dik il-maturita` affettiva li hija presuppost ghal ghazla libera dwar l-imsemmi oggett. Id-difett serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju, ghalhekk, ma hux semplicement nuqqas ta' hsieb, nuqqas ta' riflessjoni; anqas ma jfisser li wiehed jaghmel ghazliet jew jiehu decizjonijiet zbaljati – in fatti decizjoni jew ghazla zbaljata hi perfettament kompatibbli ma' diskrezzjoni ta' gudizzju"* (ara, **"Emanuel Camilleri vs Carmen Camilleri"**, P.A., 10 ta' Novembru 1995).

Illi l-istess sentenza tkompli tghid *"Li parti fiz-zwieg ma tkunx fehmet sufficjentement, fis-sens li ma tkunx hasbet bizzejjed jew ma tkunx irriflettiet bizzejjed fuq il-hajja mizzewga jew fuq id-drittijiet u d-dmirijiet essenzjali tal-hajja mizzewga, ma jammontax necessarjament ghal difett (serju) ta' diskrezzjoni ta' gudizzju **("Selina-Maria Vella Haber vs Joseph Gatt"**, P.A., 15 ta' April 1996)".*

Illi ghalhekk biex ikun hemm in-nuqqas jew difett serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju kif ravvizat fl-**artikolu 19(1)(d)** irid ikun hemm l-inkapacita` psikika (mhux necessarjament anomalija psikologika fis-sens mediku/psikjatriku) jew kostituzzjonali li wiehed jaghraf u jirrifletti, u li jiddeciedi liberament, fuq l-oggett tal-kunsens matrimonjali (ara f'dan is-sens, fost ohrajn, **"Jacqueline Cousin vs Bernard Simler"**, P.A., 3 ta' Gunju 1998; **"Roseanne Cassar vs Kenneth Cassar",** P.A. 19 ta' Ottubru 1998; u **"Carmelo Grima vs Mary Andrews"**, P.A., 2 ta' Novembru 1998).

Illi proprju ghalhekk ukoll il-legislatur jirrikjedi li d-difett ta' diskrezzjoni jrid ikun wiehed serju u l-anomalija psikologika tkun wahda serja.

Illi kif jispjega ***Bersini***, id-diskrezzjoni ta' gudizzju tikkonsisti f'zewg elementi distinti izda konkorrenti u interdipendenti:-

*"La piena avvertenza e il deliberato consenso … … … La piena avvertenza si riferisce alla sfera intellettiva, il deliberato consenso a quella volitiva. In altri termini, la discrezione di giudizio comprende la maturita` di giudizio e la maturita` affettiva … … … La maturita` di giudizio comporta una conoscenza critica proporzionata all' atto da compiere, agli obblighi essenziali da assumersi e ai doveri coniugali che ne derivano proiettati nel futuro. La maturita` affettiva comporta generalmente quella adequata evoluzione degli istinti, degli affetti, dei sentimenti, della emotivita` che se sono turbati o inadeguati intaccano direttamente la volonta` e possono privare della libera scelta interiore. Abbiamo cosi` una mancanza di consenso libero (immaturita` affettiva) e ponderato (immaturita` di giudizio)"* ***(Bersini, F., "Il Diritto Canonico Matrimoniale."*** *(Torino, 1994), p. 97).*

Illi l-istess awtur, imbaghad ikompli jispjega dwar kemm irid ikun serju d-difett ta' diskrezzjoni biex wiehed ikun jista' jghid li hemm id-difett fil-kunsens u l-konsegwenti nullita` taz-zwieg:-

*"Se ci si chiede quale grado di discrezione di giudizio possa ritenersi proporzionato al matrimonio, rispondiamo anzitutto che, sia per la conoscenza intellettiva come per la deliberazione volitiva, dovra' essere maggiore di quello richiesto per peccare mortalmente e per stipulare gli altri contratti. Il motivo sta nel fatto che il consenso matrimoniale riguarda obbligazioni che si proiettano nel futuro ed e` ordinato all' assunzione di uno stato di vita che incide su tutta l' esistenza con un contratto perpetuo e irrescendibile che comporta una serie di gravi obblighi ad esso inerenti. Per dare un valido consenso, non e` sufficiente il grado di ragione col quale speculativamente*

*uno sappia che cosa e` il matrimonio; e` necessaria la maturita` di giudizio capace di ponderare in concreto i doveri e i diritti che uno deve assumersi per tutta la vita. In altri termini, e` necessaria la discrezione non tanto per l' atto in se, al momento di emettere il consenso, quanto per gli impegni che da quell' atto derivano. Una discrezione che impegni per il futuro. Ovviamente si richiede una ponderazione degli impegni sostanziali del matrimonio e non di tutto il suo valore etico, religioso, sociale, giuridico ed economico, altrimenti ben pochi sarebbero in grado di emettere un valido consenso. Ogni volta che i contraenti abbiano raggiunto l' eta prescritta dal legislatore per poter contrarre matrimonio, si presume che essi siano in possesso della debita discrezione di giudizio; tale presunzione, tuttavia, ammette prove in contrario. Pertanto, qualora si possa dimostrate, per qualsiasi motivo, la capacita` intellettiva e volitiva sopra descritta sia gravamente alterata o addirittura mancante, si dovra` ritenere che il vincolo matrimoniale sia nullo per difetto di discrezione di giudizio"* (ibid. pp. 97-98).

Illi hawnekk il-Qorti, pero`, tixtieq tippreciza li ghazla libera, kunsens hieles, ghar-rabta taz-zwieg mhux sinonimu mal-kuncett ta' ghazla facli, u dan kif gja gie indikat fis-sentenzi fuq kwotati, tant li nghad li:-

*"… … ... se il sogetto non e` in grado di superare [i] condizionamenti interiori, allora si dira` che la scelta di lui non e` stata libera; lo sara` invece qualora pur pressato da tali impulsi provenienti dal proprio psichismo, da un' affettivita` non sufficientemente matura o anomala, e quindi anche di fronte a conflitti interiori, sara` stato capace di superarli, di dominarli razionalmente, di scegliere con autonomia ... ... ... In ogni caso, i nubenti debbono aver coscienza di assumere vere obbligazioni (e reciprocamente di concedere veri diritti) di creare cioe` col matrimonio un patto che vincola a un comportamento idoneo e adeguato alla specifica societa` coniugale, sia nei rigwardi dell' altra parte sia nei riguardi della prole"* (***Pompedda, M.F., "Incapacita` di Natura Psichica in***

***Matrimonio Canonico: Fra Tradizione e Rinnovamento.”*** *(Bologna, 1991), pp. 231, 233).*

Illi kwantu ghad-difett fil-kunsens dovut ghall-anomalija psikologika serja li taghmilha mpossibbli ghal dik il-parti li taqdi l-obbligazzjonijiet essenzjali taz-zwieg, il-ligi taghna, bhad-dritt kanoniku **(Can. 1095 (3))** tirrekjedi mhux semplici diffikulta` izda impossibbilta` li wiehed jaqdi ossia jassumi l-obbligazzjonijiet essenzjali taz-zwieg. Inkapacita` jew impossibbilta` vera f’dan il-kuntest hi ipotizzabbli biss fil-prezenza ta’ anomalija psikologika serja li, independentement minn kif wiehed jaghzel li jiddefiniha jew jiklassifikaha fil-kamp tal-psikjatrija jew tal-psikologija, tintakka sostanzjalment il-kapacita` *“di intendere e/o di volere”. “L’ incapacita` di assumere gli oneri essenziali della vita coniugale”,* jghid il-Bersini*, “rende la persona inabile al matrimonio, anche nell’ ipotesi … … … che al momento di contrarre le nozze abbia avuto la discrezione di giudizio sufficiente per un valido consenso”* (op. cit., *p. 99).*

Illi fl-ahharnett din il-Qorti taghmel riferenza ghal dak li nghad fis-sentenza fl-ismijiet **“Nathalie O’Toole vs Patrick O’Toole”** (P.A. (N.A.) 25 ta’ Marzu 2002) fejn inghad li:-

*“Il-kunsens moghti fiz-zwieg skond din l-istess gurisprudenza mhuwiex dak il-kunsens semplici rikjest fil-kuntratt in generali ghaliex il-kuntratt taz-zwieg huwa wiehed "sui generis" u ta' ordni pubbliku. Illi ghalhekk il-partijiet f'kuntratt ta' zwieg mhux biss irid ikollhom il-kapacita' li jaghtu dak il-kunsens, izda li l-istess irid jigi moghti bl-iktar mod liberu u xjenti ghal dak kollu li tirrikjedi r-rabta taz-zwieg. Il-kuntratt taz-zwieg ghandu jigi apprezzat mhux biss bl-ghajnejn oggettivi tal-ligi, izda jrid isib is-sinifikat tieghu fir-relazzjonijiet ta' koppja u l-iskop ahhari taz-zwieg, cjoe' li tnejn minn nies jaghtu lilhom nfushom lil xulxin ad eskluzjoni ta' kollox u kulhadd. Meta ghalhekk ghal xi raguni jew ohra dak il-kunsens ma jkunx gie moghti bil-konoxxenza shiha ta' dak li jgib mieghu z-zwieg, allura jinholoq dubju kemm dak il-kuntratt matrimonjali huwa wiehed validu."*

Illi kif inghad fis-sentenza **"Al Chahid vs Mary Spiteri"** (P.A. (RCP) 5 ta' Gunju 2002) *inoltre* l-kunsens irid ikun wiehed tali li permezz tieghu l-parti li tesprimih trid tkun konxja ta' l-obbligi, id-dmirijiet u r-responsabbiltajiet li ggib maghha l-hajja mizzewga bhal ma huma l-elementi ta' unjoni permanenti, esklussiva w irrevokabbili.

Illi dawn il-principji kollha gew kkonfermati f'diversi sentenzi moghtija minn din il-Qorti nkluzi **"Maria Rita Calleja Vs Mohamed Ben Mohamed Khemiri"** (P.A. (RCP) 17 ta' Frar 2000); **"Nicolai Balzan vs Simone Cremona"** (P.A. (RCP) 9 ta' Marzu 2000); **"Ousama Sadalah vs Doris Tanti"** (P.A. (RCP) 4 ta' April 2000); **"Josephine Gabriel vs Dr. Georg Sapiano et nomine"** (P.A. (RCP) 8 ta' Novembru 2000); **Josette Lungaro mart Jesmond Lauro vs Jesmond Lauro"** (P.A. (RCP) l-1 ta' Frar 2001); **"Mazen Dadouch vs Maria Dadouch xebba Galea"** (P.A. (RCP) 22 ta' Marzu 2002); **"Albert Grech vs Josette Grech"** (P.A. (RCP) 30 ta' April 2002); **"Marco Tanti vs Catherine Azzopardi"** (P.A. (RCP) 30 ta' Mejju 2002); u **"Giulio Farrugia vs Raquel Anne Farrugia"** (P.A. (RCP) 29 ta' Mejju 2002) fost ohrajn.

- **<u>Ezami ta' l-Artikolu 19(1)(f) tal-Kapitolu 255</u>**

Illi l-**Artikolu 19 (1) (f)** jghid li z-zwieg ikun null:-

*"jekk il-kunsens ta' xi wahda mill-partijiet ikun inkiseb bl-eskluzjoni pozittiva taz-zwieg innifsu jew ta' xi wiehed jew aktar mill-elementi essenzjali tal-hajja mizzewga, jew tad-dritt ghall-att taz-zwieg".*

Illi dan is-sub-artikolu wkoll gie diskuss u ezaminat fis-sentenza **"Nicolai Balzan vs Simone Cremona"** minn din il-Qorti kif presjeduta (Cit. Nru. 1019/98/RCP – deciza fid-9 ta' Marzu 2000) **u "Mark Spiteri vs Susan Margaret Spiteri"** (P.A. (RCP) 27 ta' Frar 2001) u a skans ta' ripetizzjoni qed issir referenza ghall-principji hemm enuncjati. Illi *in oltre* fis-sentenza **"Theresa**

**Taguri nee Spiteri vs Avukat Christopher Cilia et noe"** (Cit. Nru. 3130/96/NA – deciza P.A. (NA) fl-10 ta' Novembru 1999) inghad illi:-

*"Fl-interpretazzjoni ta' dan is-sub-inciz gie ritenut mill-Qorti taghna illi l-eskluzjoni pozittiva ma kellhiex neccesarjament tirrizulta biss minn xi haga espressa direttament izda setghet tigi espressa bl-imgieba ta' xi parti fil-perjodu mmedjatament qabel u wara li jkun inkiseb l-istess kunsens".*

Illi ta' l-istess portata hija s-sentenza **"Josette Lungaro mart Jesmond Lauro vs Jesmond Lauro"** (P.A. (RCP) l-1 ta' Frar 2001); **"Joseph Gabriel vs Dr. Georg Sapiano nomine"** (P.A. (RCP) 8 ta' Novembru 2000); **"Carmen El Shimi gja Tanti vs Ibrahim Mohamed Mohamed Ibrahim El Shimi"** (P.A. (NA) 20 ta' Gunju 2000); **"Mary Rose Abder Rahim vs Esam Abder Rahim"** (P.A. (NA) 31 ta' Mejju 2000); **"Ousama William Hafez Sadallah vs Doris Dalli"** (P.A. (RCP) 4 ta' April 2000) u **"Albert Grech vs Josette Grech"** (P.A. (RCP) 30 ta' April 2002 Cit Nru 793/01/RCP).
Illi l-**artikolu 19 (1) (f) tal-Kap 255 tal-Ligijiet ta' Malta,** jikkonsidra kemm is-simulazzjoni totali *("colorem habens, substantiam vero nullam")* kif ukoll dak parzjali *(colorem habens, substantiam vero alteram)* tal-kunsens.

Illi rigward it-tifsira tal-frazi "*eskluzjoni pozittiva taz-zwieg innifsu"*, jew kif maghruf ukoll bhala simulazzjoni totali, l-Qorti fil-kawza **"Bonnici vs Bonnici"** (P.A. 30 ta' Lulju 1982) qalet illi biex ikun hemm simulazjoni totali jrid jigi ippruvat il-*'finis operis'* taz-zwieg gie effettivament eskluz mill-vera rieda ta' parti jew ohra, ghalkemm formalment tkun sehhet ic-celebrazzjoni taz-zwieg.

Illi fis-sentenza **"Cali vs Dr. Albert S. Grech *nomine".*** (P.A. 22 ta' Gunju 1988) il-Qorti qalet illi jekk tmur ghac-cerimonja tat-tieg u nternament tissostitwixxi l-ideat tieghek fuq x'inhu zwieg jew inkella xort'ohra teskludi l-veru kuncett taz-zwieg, hi forma ta' simulazzjoni totali. Fid-decizjoni **"Galea vs Walshi"** (P.A. 30 ta' Marzu 1995) il-Qorti spjegat simulazzjoni bhala *"meta l-atti, gesti jew*

*kliem esterni ma jikkorrispondux ghall-kunsens intern li jkun inghata".* Illi fis-sentenza **"Muscat vs Borg Grech"** (P.A.14 ta' Awissu 1995) il-Oorti spjegat il-kuncett ta' simulazzjoni b'dawn il-kliem:-

*"Ghalhekk min esternament ikun wera li qed jghati l-kunsens matrimonjali izda jkun internament u b'att pozittiv tal-volonta' tieghu qed jichad il-kunsens ghal dak iz-zwieg ikun qed jissimula l-kunsens tieghu".*

Illi kif gie insenjat fid-decizjoni fi-ismijiet **"Francesco Teuma vs Liugi Camilleri et",** (K. 1 ta' Ottubru 1884 - Vol.X p.912):-

*"a poter dedursi la invalidita dell'atto e' necessario che risulti chiaro, che cio' che si contrattava non era la yenta, ma una simulazione, cioe' 'fictio seu ostensio falsi pro vero'.*

Illi fil-kawza **"Anthony Gallo vs Dr. Anthony Cutajar *et nomine*"** (P.A. (RCP) 28 ta' Mejju 2002) inghad li *"meta wiehed jitkellem dwar l-eskluzjoni taz-zwieg jew wiehed mill-elementi essenzjali tieghu, wiehed irid jifli jekk il-kontendenti jew wiehed minnhom, alavolja hu kapaci jghati l-kunsens validu taz-zwieg, pero' bl-att tieghu qabel u fil-hajja mizzewga, jew bl-ommissjoni tieghu, eskluda a priori certu obbligi essenzjali tal-hajja mizzewga, cioe', issimula l-kunsens tieghu totalment fejn eskluda a priori z-zwieg, jew inkella fejn filwaqt il-kunsens hu jew hi eskludew xi wahda jew aktar mill-elementi essenzjali tal-hajja mizzewga, u cioe' saret simulazzjoni parzjali".*

Illi fil-fatt din il-Qorti taqbel ma' l-istess definizzjoni u fil-fatt fis-sentenza **"Al Chahid vs Mary Spiteri"** (P.A. (RCP) 5 ta' Gunju 2002 inghad li *"wiehed jinnota li taht l-**artikolu 19 (1) (f)** trid issir distinzjoni cara bejn zwieg li jfalli minhabba cirkostanzi li jirrizultaw waqt iz-zwieg, u zwieg li jfalli ghax wiehed mill-partijiet minn qabel ma ta' l-kunsens tieghu kien gja mentalment dispost li ma jottemprax ruhu ma xi wahda jew aktar mill-obbligi matrimonjali. Fl-ewwel ipotesi hemm ir-ragunijiet li jaghtu lok ghas-separazzjoni u fit-tieni ipotesi hemm l-estremi tal-annullament taz-zwieg".*

Illi fil-fatt ghal dak li jolqot l-kuncett ta' *"l-eskluzjoni pozittiva ta' xi wiehed jew aktar mill-elementi essenzjali tal-hajja mizzewga"*, u cjoe' simulazzjoni parzjali, il--Prim'Awla tal-Qorti Civili fil-kawza **"Abdel Wahed vs Dr. Yana Micallef Stafrace et"** (P.A. (NA) 14 ta' Lulju 1994) elenkat l-element essenzjali taz-zwieg bhala li jikkonsistu fil-*"kommunjoni tal-hajja konjugali, l-indissolubilita' tar-rabta taz-zwieg, id-dritt ghall-fedelta' u d-dritt ghall-prokreazzjoni ta' l-ulied"*. L-istess elementi gew ikkonfermati wkoll fil-kawza **"Aquilina vs Aquilina"** (P.A. (NA) 30 ta' Jannar 1991) u fis-sentenza **"Grech vs Grech"** (P.A. (NA) 9 ta' Ottubru 1990). Dawn huma wkoll l-elementi fil-ligi kanonika.

Illi l-komunjoni tal-hajja konjugali u l-*"consortium vitae"* tikkomprendi zewg elementi u cjoe' l-imhabba konjugali u r-responsabilita` tal-familja. Kif qalet il-Prim'Awla tal-Qorti Civili fid-decizjoni **"Magri vs Magri"** (14 ta' Lulju 1994):-

*"Jekk din il-"consortium vitae" hija nieqsa, l-oggett innifsu tal-kunsens taz-zwieg huwa wkoll nieqes. Din il-"Consortium Vitae" tikkomprendi zewg elementi li huma l-imhabba konjugali u r-responsabilita' tal-familja."*

Illi fil-fatt l-element ta' l-indissolubilita` taz-zwieg jehtieg li l-kunsens ikun ibbazat fuq rabta dejjiema bejn ragel u mara wahda, mibnija fuq il-fedelta' u formazzjoni tal-familja. Il-Ligi Maltija tippresuponi *'iuris tantum'* dan l-element ta' indissolubilita' fiz-zwieg.

Illi fil-fatt, **J. *Edwards Hudson*** (pg. 164-165), jispjega car li *"indissolubility can be excluded from consent in two different ways: either because the spouse, knowing the true nature of marriage, nevertheless contract with the understanding that he will have the option of dissolving the bond and recovering his former free status, or because the spouse formulates his own doctrine on marriage, from which the idea of indissolubility is absent and to which he adheres totally with both intelligence and will power".*

Illi wkoll, ***D.J. Burns***, fii-kummentarju tieghu (***D.J. Burns***, "**Matrimonial Indissolubility: Contrary Conditions**. **A Historical Synopsis and Commentary".** pg.151) jghid li *"it is not necessary that this intention* (i.e. li teskludi l-indissolubilita') *was formulated as an express agreement, it can be inferred either from an explicit declaration of one or both parties, or consequent on certain words or actions implying that effect, or as a result of the narration of the circumstances of the contract."*

Illi hawn ukoll il-Qorti tirreferi ghal dak li inghad fis-sentenza **"Sharon Lanzon mart Francis Attard vs Francis Attard"** (P.A. (RCP) 15 ta' Marzu 2000) u cjoe':-

*"Meta wiehed jitkellem dwar l-eskluzjoni taz-zwieg jew wiehed mill-elementi essenzjali tieghu, wiehed irid jifli jekk il-kontendenti jew wiehed minnhom, allavolja huwa kapaci li jaghti kunsens validu taz-zwieg, pero' fl-atti tieghu qabel u fil-hajja mizzewga, jew bl-omissjoni tieghu eskluda a priori certu obbligi essenzjali tal-hajja mizzewga, cioe' issimula l-kunsens tieghu totalment fejn eskluda a priori z-zwieg, jew inkella fejn waqt li l-kunsens hu jew hi eskludew xi wahda jew aktar mill-elementi essenzjali tal-hajja mizzewga, u cjoe' saret simulazzjoni parzjali".*

**<u>iii) PROVI PRODOTTI.</u>**

L-attur fid-dikjarazzjoni tieghu jghid illi bhala fatti saljenti li minn dan iz-zwieg ma kienx hemm tfal; ilhom tlett snin u nofs mizzewga; u ilhom diga` jghixu ghal rashom ghal dawn l-ahhar hames xhur. Ir-raguni li telqet (il-konvenuta) kienet li hija riedet tmur tghix ma' ragel iehor, u fil-fatt hekk ghamlet. Il-kwistjoni jidher car li ilha sejra. Illi kien hemm indikazzjoni ghalhekk li l-intenzjoni taghha (tal-konvenuta) ghal zwieg serju kien ghal kollox karenti. Sahansitra kienet tissuggerilu li johrog wahdu mal-guvintur.

L-attur jghid illi huwa u l-konvenuta kienu iltaqghu f'bar gewwa Paceville madwar sena u nofs qabel ma zzewgu. Huma kienu jiltaqghu kuljum, u madwar sitt jew seba' xhur wara li bdew johorgu flimkien, gieh il-hsieb ghaz-

zwieg. Jghid illi kien hu li ippropona z-zwieg, u li l-konvenuta, ghall-bidu ma kienitx qaltlu la iva u lanqas le. Kien wara xi ftit taz-zmien li kienet qaltlu iva u dan peress illi kienet qaltlu li setghu joqghodu ghand ommha. Il-kontendenti kienu attendew il-Kors ta' Kana u kienu ippjanaw illi hekk kif appena jizzewgu, huma jfittxu dar ghalihom u li l-mara taghmel xi sena tahdem. Kienu ippjanaw ukoll illi xi wara sena u nofs jippruvaw ghat-tfal.

L-attur jghid illi huma zzewgu daqshekk malajr l-ghaliex kienu jhobbu lil xulxin u li ma tantx qaghdu jahsbu il-boghod hafna. Omm u missier l-attur kienu wissewh illi kien qed jizzbalja li jizzewweg daqshekk malajr. Mill-banda l-ohra omm u missier il-konvenuta qatt ma ndahlu f'din il-kwistjoni anzi laqghuhom fid-dar taghhom.

L-attur jghid illi wara xi zmien huma xtraw *maisonette* gewwa l-Mosta u li sussegwentement, f'zewg okkazzjonijiet separati, il-konvenuta kienet harget tqila. Pero` t-tqala kienu tat-tip *ectopic*, u allura kellhom isiru l-operazzjonijiet sabiex iwaqqfu t-tqala. Wara dawn l-incidenti sfortunati, il-kontendenti ippruvaw sabiex ikollhom it-tfal bil-metodu ta' l-*invitreo fertilization*.

Wara li kienu ippruvaw erba' darbiet dan il-metodu sabiex il-konvenuta tohrog tqila, jidher illi l-hajja matrimonjali tal-kontendenti bdiet sejra lura. Jghid l-attur illi *"wara li bdejna jkollna dawn il-problemi tat-tfal il-mara bdiet titbieghed minni u tghid li ma riditx tidher mizzewga ghax ma setghatx ikollha tfal. Il-mara nahseb li ma komplietx tara skop fiz-zwieg taghna stante li ma stajniex ikollna tfal. Fl-ahhar kienet qalet ukoll li ma kienitx thobbni izjed"*. Jghid ukoll l-attur illi z-zwieg taghhom tkisser minhabba li l-konvenuta bdiet tiffrekwenta lill-haddiehor. Dwar il-konvenuta, l-attur jghid illi *"l-mara kienet thobb it-tfal hafna, u kienet thobb hafna n-neputijiet. Hi kienet tahseb li l-koppja bla tfal mhix koppja. Jiena ma kontx nahsibha hekk u kont naccetta dan il-fatt li ma stajniex ikollna tfal".*

Fis-seduta tat-23 ta' April, 1999 xehdet il-konvenuta li qalet illi qabel ma bdiet tohrog ma' attur hija kienet ilha seba' snin gharusa ma'haddiehor. Tghid ukoll illi d-data

tat-tieg giet iffissata *“kif bdejna nohorgu regolarment”*. Tghid ukoll illi *“ahna ghaggilna biex nizzewgu sabiex inkunu nistghu napplikaw ghal post tal-Gvern”*. Tghid il-konvenuta illi *“jiena ftit li xejn kont nafu lill-attur u lanqas kellna zmien biex nidraw lill-xulxin. Minkejja dan intfajna ghaz-zwieg minghajr ma konna nafu ghal xhiex konna dehlin. Jiena kont ghadni kemm hierga minn relazzjoni ta’ seba’ snin u qisni qbadtu ‘on the rebound’ u hu ghax ma riedx ikompli tiela u niezel mir-Rabat ghal Bormla fejn kont noqghod jien ippruvajna nsibu post ghalina”.* Il-konvenuta tghid ukoll illi *“kienet dizappuntata hafna li l-holma tieghi li jkolli t-tfal spiccat. Jiena minn dejjem kont nixtieq li jkolli t-tfal, fil-fatt minn mindu kont ghadni tifla dejjem xtaqt li jkolli”*. Tghid illi *“bdejt nhoss li z-zwieg tieghi kien bla sens u ma stajtx naccetta li noqghod mizzewga izda bla tfal. Kont nibki bil-lejl il-hin kollu. Kont nghid lir-ragel biex imur u jitlaq ghax hassejtni li kien tort tieghi kollu li hu ma kellux tfal”*. Il-konvenuta tghid illi *“meta r-ragel kien jibqa`hdejja jien kont nifhem illi hu ma kienx qed jifhimni ghax li jkollna t-tfal kien importanti hafna ghalija u ma stajtx nifhem li hu kien baqa`hemm ghax ihobbni”*. Il-konvenut tghid illi hija bdiet thossha bhala li ma kenitx ghadha mizzewga u li z-zwieg gie fix-xejn u bla skop.

Dwar id-decizjoni l-ghala zzewgu, il-konvenuta tghid illi *“jiena u r-ragel gharrajjes ma tantx domna. Fil-fatt minn mindu hrigna sa meta zzewigna lanqas ghaddiet sena shiha, u ma tantx konna nafu lill-xulxin sew hafna. Fil-fatt ghaddew tlett xhur biss minn mindu bdejna nohorgu flimkien sakemm iddecidejna li nizzewwgu. Nahseb illi hadna din id-decizjoni daqshekk malajr peress li ma qaghdniex nahsbuha hafna u ma hadnihiex daqshekk bis-serjeta”.* Tghid ukoll illi *“jiena u r-ragel tieghi konna kemm waqt l-gherusija kif ukoll fil-bidu taz-zwieg dejjem aljenati bi problemi materjali bhal ma huma preparamenti ghat-tieg, tfittxija ta’ post fejn noqghodu u mbaghad biex inlestu d-dar. Meta sibna ruhhna bi kwietna u wahedna, hemmhekk bdew il-problemi ta’ bejnietna. F’dan iz-zmien kont diga` korrejt bl-ewwel tarbija u kont naf li kelli problemi biex ikolli t-tfal”.*

**iv) Apprezzament tal-provi.**

Illi ma hemmx dubju li l-problemi serji bejn il-koppja bdew malli bdew il-problemi tal-konvenuta biex ikollha tfal. Il-konvenuta ghaddiet minn esperjenza tragika u sfortunata, meta l-holma taghha li jkollha t-tfal spiccat fix-xejn u wara zewg *ectopic pregnancies* kellha tigi operata darbtejn sabiex kull darba tigi terminata t-tqala. Minhabba dawn iz-zewg interventi, sar impossibbli ghall-konvenuta li jkollha t-tfal b'mezzi naturali, u kellha ghalhekk taghmel uzu minn mezzi ohra ta’ *invitreo fertilization*, sabiex tipprova ghat-tfal. Anke dawn il-mezzi pero` sfaw fix-xejn u allavolja l-konvenuta nefqet hafna flus f’dawn il-proceduri, r-rizultat baqa` li ma kellhiex tfal.

Illi dan kollu kellu effett, tista tghid, detrimentali fuq iz-zewg partijiet. L-atteggjament tal-konvenuta fiz-zwieg taghha nbidel ghal kollox, kemm fil-konfront ta’ zewgha kif ukoll fil-konfront taz-zwieg innifsu.

Illi jidher li l-konvenuta saret iffissata b’din il-problema li ma setax jkollha tfal, u allavolja wiehed jista jifhem id-dispjacir kbir li hasset wara li gralha dak li gralha, xorta wahda r-rejazzjoni taghha jidher li kien pjuttost ezagerat. Fil-fatt dan gie ammess mill-konvenuta stess li xehdet illi kienet titkellem fuq il-problema l-hin kollu ma’ zewgha, u li spiccat ossessjonata bil-fatt li xtaqet it-tfal u li ma setax ikollha.

Il-problema marret *oltre* dan pero`, meta l-konvenuta bdiet thares lejn iz-zwieg taghha bhala inutili u bla skop. Il-konvenuta kienet cara hafna fix-xhieda taghha meta stqarret illi ghaliha zwieg minghajr tfal ma kien ifisser xejn u sahansitra zwieg bla tfal ma kellu l-ebda skop ghaliha.

Illi l-konvenuta tammetti li minhabba l-problema li kellha, hi stess bdiet tipprova tkisser dak kollu li kellu x’jaqsam maz-zwieg taghha. Hi bdiet tohrog ta’ spiss wahedha mal-hbieb tax-xoghol taghha, u bdiet tipprova tinkoragixxi lir-ragel taghha sabiex johrog ghal rasu wkoll, haga li hu ma riedx jaghmel.

Illi fir-rigward tar-relazzjoni tal-partijiet f'dawn ic-cirkostanzi li nholqu, hareg car mill-provi illi l-konvenuta ma bdietx tinterpreta l-atteggjament ta' zewgha lejha b'mod pozittiv. Anzi, ghalavolja l-attur ipprova jkun ta' ghajnuna lill-konvenuta billi jibqa hdejha u ma jaghmilx ghageb b'dak li kien gara, l-konvenuta spiccat biex interpretat din l-ghajnuna bhala nuqqas ta' maturita` da parti ta' l-attur, u sahansitra li l-attur ma kienx qed jifimha. Hi bdiet thoss li l-attur ma kienx qed jinduna li b'dak li kien gara, l-koppja ma setghetx ikollha tfal, u bdiet thoss ukoll illi hi kienet il-kagun tal-fatt li l-attur ma kienx ser ikollu tfal miz-zwieg taghhom.

Illi l-partijiet spiccaw f'sitwazzjoni fejn kellhom nuqqas serju ta' komunikazzjoni bejniethom minhabba l-fatt li, jew kienu ser jitkellmu fuq il-problema li kienu qed jirrinfaccaw, jew inkella ma jitkellmu xejn. Mbaghad minhabba l-problemi emozzjonali li kellha l-konvenuta f'dik is-sitwazzjoni l-koppja kienet tispicca biex tiggieled kull meta jitkellmu.

Illi jidher li l-affarijiet marru mill-hazin ghall-aghar sakemm fl-ahhar il-partijiet infirdu minn xulxin, u dan milli jidher ukoll ghaliex il-konvenuta spiccat biex kellha relazzjoni ma' terza persuna.

Illi fil-fehma ta' din il-Qorti, l-konvenuta wriet li ma kenitx hejjiet ruhha sew ghaz-zwieg u hi stess qalet li spiccat ma' l-attur *on the rebound* wara relazzjoni twila seba' snin li kien kellha qabel. Il-konvenuta taghti certi ragunijiet ghalfejn izzewgu l-partijiet, liema ragunijiet juru li ma kenitx hejjiet ruhha sew ghaz-zwieg b'dik il-maturita` li jirrikjedi z-zwieg. Il-konvenuta stess xehdet illi ma kenitx irriflettiet fuq l-obbligi u d-dmirijiet li ggib maghha l-hajja mizzewwga, u li fil-fatt hi u l-attur dahlu ghaz-zwieg malajr minghajr ma qaghdu jahsbuha hafna. Il-konvenuta xtaqet li jkollha t-tfal, haga ghal kollox naturali ghal koppja mizzewga, u fil-fatt element intrinsiku fiz-zwieg. Madankollu, l-ossessjoni li kellha l-konvenuta ma jistax jigi gustifikat u turi li l-konvenuta kienet immatura u ma kenitx kapaci tevalwa s-sitwazzjoni u

taccetta dak li kien gara – wara kollox dan ma kien tort ta’ hadd, izda biss sfortuna tan-natura. Il-konvenuta naqset milli tkun kapaci terfa’ u twettaq d-dmirijiet u obbligi taghha matul il-hajja matrimonjali.

Illi ma’ l-ewwel problema serja li tfaccat fiz-zwieg taghha, l-konvenuta tilfet kull speranza u anzi kull xewqa li taccerta ruhha li z-zwieg taghha xorta wahda jirnexxi. Il-konvenuta qatt ma nghatat xi garanzija li fiz-zwieg taghha kien ser jirnexxilha jkollha t-tfal, izda xorta wahda meta spiccat biex ma jistax ikollha, ghaliha kien spicca kollox, u z-zwieg gie minghajr ebda sinifikat ghaliha. Dan fih innifsu juri li l-konvenuta ma kenitx ippreparat ruhha sew ghaz-zwieg, ghaliex fih innifsu z-zwieg huwa impenn ghall-futur, u l-futur hadd ma jaf x’igib mieghu, specjalment meta wiehed jikkunsidra kwistjonijiet ta’ sahha, li ma jaqghux taht il-kontroll tal-partijiet.

Illi l-problema partikolari li kkrejat ruhha fiz-zwieg tal-partijiet ma kenitx wahda li l-partijiet holqu bejniethom, izda problema ta’ sahha li tmur *oltre* l-kontroll kemm ta’ l-attur kif ukoll tal-konvenuta.  L-attur dan donnu fehmu u gharraf jghix bil-problema. Huwa kien jinkwieta ghall-konvenuta u pprova jghinha ghaliex kien jaf li din il-problema kienet wahda kbira ghaliha, tenut kont ukoll tal-fatt li kien jaf li l-konvenuta dejjem xtaqet ikollha t-tfal. Mill-banda l-ohra pero`, l-konvenuta bdiet tipprova titbieghed mill-attur, u anki tipprova ggieghlu jitbieghed minnha, u sahansitra riedet teqred iz-zwieg taghha minhabba li ghaliha ma kienx hemm izjed skop li z-zwieg ikompli. Tant hu hekk illi ma baqghetx tara l-attur bhala r-ragel taghha, izda izjed bhala huha. Hija ddikjarat ukoll li ma komplietx thobbu bhala r-ragel taghha.

Illi din il-Qorti taqbel mal-Perit Legali, meta hija tghid illi dan kollu juri li l-konvenuta qabel iz-zwieg ma kenitx ikkunsidrat ezattament is-sinifikat taz-zwieg innifsu, w d-drittijiet u dmirijiet li jgib mieghu. Lanqas ma kienet ikkunsidrat il-veru valuri w principji taz-zwieg u tal-hajja mizzewga, li allavolja jinkludu l-prokreazzjoni, ma jieqfux biss hemm u jmorru *ben oltre*. Il-konvenuta qieset iz-zwieg taghha biss bhala l-mezz sabiex ikollha dak li

dejjem xtaqet, u cjoe` t-tfal, u allavolja wiehed seta` jifhem id-dispjacir kbir li hasset meta dan ma rnexxiex, wiehed ma jistax jaccetta li meta dak ma jirnexxiex iz-zwieg innifsu jisfaxxa fix-xejn. Il-konvenuta ma ghamlet l-ebda sforz sabiex f'dan il-perjodu ferm difficli ghall-koppja ssib il-mezz sabiex tersaq izjed vicin lejn l-attur u flimkien jissuperaw dak il-perjodu ta' tbaghtija. Minflok, ma' l-ewwel problemi serji li nqalghu, ftit wara li zzewgu, l-konvenuta rrinunzjat ghaz-zwieg innifsu. Dan ghalhekk jipprova li l-konvenuta fl-ebda hin ma qadet tqis il-vera tifsira taz-zwieg u d-drittijiet u dmirijiet li jinvolvi.

Illi ghalhekk jirrizulta li l-istess zwieg ghandu jigi dikjarat null abbazi ta' l-**artikolu 19 (1) (d) tal-Kap 255.**

*Stante* li qieghed jirrizulta illi z-zwieg ikkontrattat bejn il-kontendenti qieghed jigi dikkjarat null a bazi tal-**paragrafu (d) tas-subartikolu 1 tal-artikolu 19 tal-Kapitolu 255 tal-Ligijiet ta' Malta**, din il-Qorti ma ghandhiex ghalfejn tidhol u tezamina t-tieni paragrafu indikat mill-attur ta' dan il-Kapitolu u cjoe` l-**paragrafu (f) tas-subartikolu (1) tal-Artikolu 19 tal-Kap. 255**.

**<u>III. KONKLUZJONI.</u>**

Illi ghalhekk ghal dawn il-motivi, din il-Qorti, **taqta' u tiddeciedi,** billi filwaqt li tichad l-eccezzjonijiet tal-konvenuta inkwantu l-istess huma nkompatibbli ma' dak hawn deciz, **tilqa` t-talba attrici** b'dan illi:-

1. Tiddikjara illi z-zwieg iccelebrat bejn il-kontendenti fil-15 ta' Novembru, 1996 huwa null u bla effett a tenur tal-**paragrafu (d) tas-subartikolu (1) ta' l-artikolu 19 tal-Kapitolu 255 tal-Ligijiet ta' Malta**.

Bl-ispejjez kollha kontra l-konvenuta.

**Moqrija.**

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------